# Quddiesa Tfal

Matul is-Sena





**Kliem: Karen Borg**
**Muzika: Daniel Borg**

## 1. Introduzzjoni – Jum il-Mulej (4/4)

**D G**

**Rit:** Illum Jum il-Mulej

**D A**

Il-Jum tal-Feddej

**G D A D**

Sidna u l-Qaddej, Sidna u l-Qaddej **(X2)**

**A G D**

Ejjew ilkoll warajh

**A G D**

Nintelqu lkoll f'idejh

**G Bm D G A D**

Hu jilqagħna f'dirgħajh, Hu jilqagħna f'dirgħajh **Rit:**

**A G D**

Intajru l-ħafna ħsiebijiet

**A G D**

Ninsew il-bosta ħtiġijiet

**G Bm D G A D**

Hu jtina l-barkiet, Hu jtina l-barkiet **Rit:**

**A G D**

Fil-fidi ħajjitna titrabba

**A G D**

Biex ruħna qatt ma tittabba

**G Bm D G A D**

U nikbru fl-imħabba, u nikbru fl-imħabba **Rit:**

## 2. Offertorju – Ilqagħhom Int (4/4)

**C F C**

**Rit:** Noffrulek ix-xogħol ta’ jdejna

**Am G C**

Ilqagħhom Int Mulej

**C F C**

Noffrulek il-ħsiebijiet ta’ moħħna

**Am G C**

Ilqagħhom o Feddej

**F G C**

Minn ftit trab ġejna

**F G C**

U trab nerġgħu nsiru

**Am G C**

Għalhekk b’ imħabbitna

**Dm G C**

Nagħtuh aħna b’tifħiru **Rit:**

**F G C**

Ilqa’ din l-offerta

**F G C**

Minn ġisem dgħajjef

**Am G C**

Minn dir-ruħ fqira

**Dm G C**

Inti li tant għaref **Rit:**

**F G C**

F’dawn l-għeneb u żbul

**F G C**

Li jinxef u jintemm

**Am G C**

Fuq l-altar għamilt l-inżul

**Dm G C**

Biex isir Ġisem u Demm **Rit:**

## 3. Tqarbin – Il-Mejda tal-Ewkaristija (4/4)

**D A**

**Rit:** Din il-mejda tal-Ewkaristija

**G D**

Ġid, hena u tgawdija

**A D A D**

Din il-mejda tal-Ewkaristija

**Bm A D**

Ġid, hena u tgawdija

**G D**

Missier tagħna l-Ħellies

**A D**

Li jħobbna bla qies

**G D**

Ta Ġismu għalina

**A D**

U demmu xerdilna **Rit:**

**G D**

Jinbidlu l-ħobż u l-inbid

**A D**

L-għajn ta' kull ġid

**G D**

Biex insaħħu lil ruħna

**A D**

Barka tkun għal ħajjitna **Rit:**

**G D**

Bħal manna nieżla mis-sema

**A D**

Timlilna qalbna bit-tama

**G D**

Ejjew duqu dit-tjubija

**A D**

Biex lilu nagħtu kull foħrija **Rit:**

**G D**

Nersqu familja waħda

**A D**

Fil-ġabra u l-ħemda

**G D**

Nieklu l-ikla flimkien

**A D**

Li bħalha ma ssib imkien **Rit:**

## 4. Egħluq – Immorru d-dar ferħana (4/4)

C G

**Rit**: Immorru d-dar ferħana

F G

Għax Ġesu jinsab magħna

C G

Immorru d-dar ferħana

F G C

Għax Ġesu jinsab magħna

C G

Hu t-tarka tagħna

F G

Hu ġie biex isalvana

C G

Mill-għeruq tad-dnub

F G C

Għax Hu l- Maħbub **Rit:**

C G

M'għandniex għal x'hiex nibżgħu

F G

Għax aħna l-ulied tiegħu

C G

Li jeħlisna mill-inkwiet

F G C

Minn ħalq l-imrar tal-imwiet **Rit:**

**C                        G**

Inkunu xhieda tiegħu

**F                    G**

Ħajjitna norbtu miegħu

**C                 G**

B'Imħabbitna nistqarruh

**F      G            C**

Biex fl-eternita ingawduh **Rit**